MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 109/2015

**A B**

**vs**

**Dr Benjamin Valenzia u Prokuratur Legali Daniel Aquilina li gew nominati bhala kuraturi deputati permezz ta' digriet datat 5 ta' Mejju 2015 sabiex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-assenti H E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) u z-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru progessiv hamsa u tmenin (85/2004);
2. Illi l-partijiet ma kellhomx tfal;
3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba illi l-intimat abbanduna lil martu wara biss ftit xhur miz-zwieg taghhom;
4. Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata de facto ghal dawn l-ahhar hdax-il sena u ghalhekk m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejniethom;
5. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tipprocedi b'separazzjoni personali minn ma zewgha, mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) (kopja ta' liema digriet jinsab hawn esebit u mmarkat Dok. A);

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi jekk ikun hemm il-htiega u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimat fl-eventwalita kontumacja fuq l-istess att;
2. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal ragunijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimat, li abbanduna lil martu hdax-il sena ilu;
3. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-dispozzizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti;
5. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;
6. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew illi mhux edotti mill-fatti u irrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat il-provi kollha li tressqu;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Mejju, 2015;

Rat illi ghas-seduta tallum il-kuraturi deputati ma dehrux u ma resqux provi;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi ma hemm l-ebda assi li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda ixxolji il-komunjoni tal-akkwisti u tordna illi l-assi kollha illi kwalunkwe parti ghandha f’isimha ghandha tibqa tinzamm minn dik il-

parti u kwalunkwe dejn li gie ikkuntrattat minn parti ghandu jigi sapportat mill-parti li tkun ikkuntrattatu;

Illi l-Qorti rat li l-attrici irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar hdax-il sena;

Illi l-attrici ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel talba u ixxolji u tittermina il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, izda ma tillikwidahiex peress illi ma hemm l-ebda assi jew djun li jappartjenu lil din il-komunjoni, b'dana pero' illi jekk jigi stabbilit illi jezistu xi assi f'isem il-partijiet dawn ghandhom jinzammu mill-parti lilha jappartjenu u jekk hemm xi djun dawn ghandhom jigu sapportati mill-parti li tkun ikkuntrattat dan id-dejn.  Il-Qorti qeghda tilqa' it-tieni talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet b'ragunijiet imputabbli lill-konvenut illi abbanduna lill-attrici hdax-il sena ilu. Il-Qorti ma tilqax it-tielet talba stante illi irrizulta illi ma hemm l-ebda assi li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti qeghda tilqa' r-raba' talba u fir-rigward tal-hames talba il-Qorti taqta' u tiddeciedi li kwalunkwe ass li jappartjeni lill-partijiet li mhuwiex formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jibqa jappartjeni lill-parti li lilha jappartjeni.  Il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet b'dan illi l-attrici ghandha thallas l-ispejjez kollha konnessi mill-hatra tal-kuraturi deputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------